MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Talba Numru. 511/2011

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Cannons Daniel John**
**ID-49009(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija erbgha u erbghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€844.25c) in konnessjoni ma' diversi servizzi (*AC50992825*).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 477/11.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mis-socjeta' attrici u li gew immarkati minn "Dok.A" sa "Dok.G".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u dsatax-il ewro, hamsa u ghoxrin centezmu (€419.25c), u dana b'applikazzjoni tal-Artikolu 235 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------